

32003R2304

L 342/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.12.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2304/2003
tad-29 ta' Diċembru 2000

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2808/98 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema agrimonetarja għall-Ewro fl-agrikoltura

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jstabilixxi arranġamenti agrimonetarji għall-Ewro ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2808/98 ⁽²⁾, il-fatt operattiv għar-rata tal-kambju fil-każ ta' għajjnuna għal kull ettaru hija l-bidu tas-sena tal-*marketing* li fir-rigward tingħata l-għajjnuna.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jstabilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jstabilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 ⁽³⁾, jinkludi għajjnuna għal prodotti agrikoli ta' l-enerġija, li tgħodd mill-1 ta' Jannar 2004.
- (3) Din l-għajjnuna għal prodotti agrikoli ta' l-enerġija tingħata għas-sena kalendarja u mhux għas-sena tal-*marketing*. Il-fatt operattiv għar-rata tal-kambju għal din l-għajjnuna għandha għalhekk tiġi stabbilita.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 2808/98 għandu għaldaqshekk jiġi emendat,

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni jiet tal-Kumitati tal-Ġestjoni interessati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tieni subparagrafu li ġej qed jiżded ma' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 2808/98:

“Madankollu, fil-każ ta' l-għajjnuna msemija fil-Kapitolu 5 ta' l-Intestatura IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) No 1782/2003 ^(*), il-fatt operattiv għar-rata tal-kambju għandha tkun l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha tingħata l-għajjnuna.

^(*) ĠU L 270, tal-21.10.2003, p. 1.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu jibda jgħodd mill-1 ta' Jannar 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 36. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 816/2003 (ĠU L 116, tat-13.5.2003, p. 12).

⁽³⁾ ĠU L 270, tal-21.10.2003, p. 1.